# IL-QANPIENA

Mejju 2009 | Parroċċa Sant'Elena - Birkirkara | Ħarġa Numru: 335

## INSELLMILKOM



Il-Prepostu - Dun Anton Cassar

***Iż-Żwieġ Nisrani , IVA għadu Possibbli.***

Fi Frar ta' din is-sena saret konferenza "Iż-Żwieġ Quo Vadis?" (Quo Vadis tfisser lil fejn sejjer?) Minn studji kkwotati ħarġu fatti li jistgħu jitqiesu bħala sinjali. Fosthom wieħed jista' jsemmi li s-separazzjonijiet żdiedu aktar mid-doppju bejn 1995 - 2006 – għal kull 20 koppja miżżewġa kien hemm waħda li tikkoabita. Bejn 2006 - 2007 kien hemm 66 tarbija li twieldu lil tfajliet taħt is-16-il sena.

Wieħed jistaqsi x'ġara? Għaliex il-familja u l-valuri nsara tagħna qed imorru l-baħar? Mingħajr ma nnaqqsu mill-bżonn li jkunu ndirizzati l-problemi li qed iħabbtu wiċċhom magħhom; tajjeb li nfakkru li hemm il-maġġoranza kbira ta' koppji u familji li qed jgħixu l-impenn u responsabbilta' ta' żwieġ nisrani. Element ieħor hu li l-għarajjes qed ifittxu sinjali oħra li għandhom tifsira tal-valur nisrani: Nagħti eżempju: L-għarajjes li huma l-ministri tas-sagrament taż-Żwieġ biex juru l-kunsens tagħhom juru dak li fli Skrittura tgħid "isiru persuna waħda" jagħmlu tatoo komuni.

Dan forsi narawh stramb. Iżda ejjew naqraw is-sinjali taż-żminijiet u nibnu fuqhom. Nfissrulhom li dak li jħossu u li qed iwettqu għandu t-tifsira Teoloġika u Żwieġ Nisrani hu possibbli.

Ejjew quddiem ir-realta' vera taż-Żwieġ Nisrani nwasslu l-messaġġ li ż-Żwieġ Nisrani; IVA, għadu possibbli u li l-bniedem fil-ġewwieni tiegħu jixtieq u jfittex dawn il-valuri; għax jemmen li hu ta' benefiċċju għalih u għall-umanita'.

Tislijiet u talb.

***Dun Anton***

**UFFIĊĊJU PARROKKJALI**

4 Triq is-Santwarju
Birkirkara BKR 2304

Tel. 21444725
Fax. 21445540
info@bazilikasantelena.com
www.bazilkasantelena.com

**Ħinijiet tal-Uffiċċju:**
It-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa

Fil-għodu 10.00 - 11.45
Fil-għaxija 5.00 - 7.00

**Prepostu Arċipriet:**
Dun Anton Cassar

**Viċijiet:**
Kan Dun Michael Borg
Kan Dun Charles Gauci

**Fil-Bażilka**
**Qrar:**
**Is-Sibt:** mill-3.45pm 'l quddiem
**Il-Ħadd:** Fil-għodu u fil-għaxija, bejn kull Quddiesa. (Sagristija).


CASA ANTONIA

Residential and Nursing Home
Pope Alexander VII Junction
Balzan BZN 02

**Informazzjoni:**
Tel: 21470677/8
Fax: 21496278
Website: www.casa-antonia.com.mt
email: info@casa-antonia.com.mt

John Tonna
Tel: 21440146


## Kalendarju Liturġiku Mejju

30 ta' April — L-Adolexxenti tal-Parroċċa għandhom Weekend Seminar f'San Pawl il-Baħar sas-Sibt 2 ta' Mejju.

Il-Ġimgħa 01: **Festa ta' San Ġużepp Ħaddiem**
6.30pm: Knisja S. Pawl Adorazzjoni 8.00pm Tal-Ħerba: Adorazzjoni.

Is-Sibt 02 4.30pm Tal-Ħerba: Ċelebrazzjoni Marjana u wara fil-5.00pm Quddiesa b'suffraġju ta' dawk li mietu f'April
4.30pm Bażilika: Translazzjoni.
Turija u ġieħ u qima lir-Relikwija tas-Salib Imqaddes mmexxija mill-Prepostu u l-Kapitlu Elenjan. Wara l-Ghasar.

Il-Ħadd 03 **JUM IL-VOKAZZJONIJIET**
10.30am L-Anzjani li ma joħorġux mid-dar jkollhom trasport biex jingħaqdu fiċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika tal-Komunita'.
11.15am Fuq iz-Zuntier Tberik ta' l-annimali.
4.30pm Bażilika Ċelebrazzjoni tal-magħmudija
5.30pm Għasar u fis-6.30pm Quddiesa Prepositali u paniġierku mir-Rev. Patri Franco Fenech OFM Cap.
Wara toħroġ il-Purċissjoni bir-Relikwija tal-Veru Ligno u l-Istatwa ta' Santa Elena.

L-Erbgħa 06 9.00am Ħarġa u Ikla ta' Jum l-Omm. Biljetti Jane Aquilina Tel:21 488 845

Il-Ħamis 07 Sala taċ-Ċentru Sale ta' Pjanti.
Il-Ħamis, il-Ġimgħa mill-5.00pm - 7.30pm
Is-Sibt mid-9.00am - 12.00 mill-5.00 - 7.30pm
Il-Ħadd mid-9.00am - 12.00

Il-Ġimgħa 08 Festa tal-Madonna ta' Pompei
11.15am Bażilika Rużarju; 11.30am Quddiesa u f'nofs inhar tingħad is-supplika lil Madonna

Is-Sibt 09 Festa ta' San Ġorġ Preca

Il-Ħadd 10 Jum L-OMM
Il-Kripta tkun miftuħa mis-7.00am - 10.00am

It-Tnejn 11 7.00pm Kripta Quddiesa b'suffraġju tal-ġenituri mejtin b'mod speċjali għall-ommijiet.

Il-Ħamis 14 L-14-il Ħamis ta' S.Rita fil-Knisja ta' S.. Rokku.
7.00pm Bażilika Adorazzjoni mmexxija mill-Ministri Straordinarji tat-Tqarbin

Il-Ħadd 17 3.00pm Nofs ta' nhar ta' Spiritwalita' għall-Kummissjoni Djakonija.
4.30pm Bażilika: Ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Magħmudija

It-Tnejn 18 Ġimgħa ta' Preparazzjoni ta' l-Ewwel Tqarbina (ara paġna 4)

It-Tlieta 19 9.30am Żjara lil Karkariżi ġewwa S. Vinċenz de Paule.
7.00pm Grufan

Il-Ħamis 21 Jibda l-programm tal-Festa ta' Santa Rita ( ara paġni 6 u 7)

Il-Ġimgħa 22 6.30pm Bażilika Festa ta' Santa Rita..

Il-Ħadd 24 Lapsi: Tlugħ il-Mulej fis-Sema.
L-Ewwel Tqarbina fil-Parroċċa
Il-Quddiesa tal-10.30am ser issir fl-10.00am fis-Santwarju tal-Ħerba.

*ikompli f'paġna 3...*

*...ikompli minn paġna 2*

It-Tlieta 26 9.30am Coffee Morning b' riżq il-Kummissjoni Djakonija
Il-Ħamis 28 7.00pm Adorazzjoni mmexxija mis-sorijiet tal-parroċċa.
Il-Ġimgħa 29 Festa tal-Madonna tad-Duttrina
6.30pm Rużarju u wara purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna tad-Duttrina sa fuq iz-zuntier tas-Santwarju tal-Ħerba
Is-Sibt 30 Iż-Żjara ta' Marija lil Eliżabetta.
6.00pm Tluq għaċ-Ċelebrazzjoni ma' Mons. Arċisqof Vġili tal-Pentecoste.
Il-Ħadd 31 Festa ta' Sant' Antnin fil-Knisja ta' San Franġisk (Msida Street) ( ara paġna 5)

---









# PROGRAMM TA' L-EWWEL TQARBINA - 24 TA' MEJJU 2009

* **It-Tnejn** 18 ta' Mejju 2009
7.15pm fil-Bażilika: Laqgħa għall-ommijiet u missirijiet tat-tfal li ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina.

* **L-Erbgħa** 20 ta' Mejju 2009
fil-4.45pm fil-Bażilika: Adorazzjoni għat-tfal subien u bniet li ser jirċevu l-Ewwel Tqarbina u rehearsal tal-kant.

* **Il-Ħamis** 21 ta'Mejju 2009
Fil-4.45pm fil-Bażilika: Prova ġenerali għat-tfal subien u bniet li ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina.

* **Is-Sibt** 23 ta' Mejju 2009
Mit-8.00am sal-10.00am u mill-4.30pm sas-7.30pm fil-Bażilika: Qrar għall-! ´enituri u tfal ta' l-Ewwel Tqarbina.

* **Il-Ħadd** 24 ta' Mejju 2009
FIt-8.15am sad-9.00am: it-tfal subien u bniet jiltaqgħu Fiċ-Ċirkolu San Ġwakkin fi Triq il-Kbira.
Fid-9.00am nimxu miċ-Ċirkolu għall-Bażilika.
Fid-9.30am tibda l-Quddiesa.

* **Il-Ġimgha** 29 ta' Mejju 2009
**Festa tal-Madonna tad-Duttrina.**
It-tfal tad-Duttrina jakkumpanjaw.Il-Purċissjoni toħroġ mill-Bażilika fis-6.30pm u fis-7.30pm issir Quddiesa fuq iz-Zuntier tas-Santwarju tal-Madonna tal-Ħerba.
It-tema se tkun San Ġorġ Preca u l-Madonna.

*** Il-Ħadd 14 ta' Ġunju CORPUS**
Purċissjoni fl-10.00am

*** Il-Ġimgħa 19 ta' Ġunju Festa tal-Qalb ta' Ġesu'**
Purċissjoni fis-7.15pm

**Inħeġġu lit-tfal biex jakkumpanjaw fiż-żewġ purċissjonijiet. Għandhom ikunu ħdejn il-Bażilika u jġibu magħhom kaxxa jew qoffa bil-fjuri.**

## PROGRAMM FESTA SANT'ANTNIN - *Mill-25 sal-31 ta'Mejju 2009*

### FESTI TA' ĠEWWA:

**It-Tnejn 25 ta' Mejju : Ftuħ tal-Festa**

6.00 p.m Rużarju u Kurunella ta' Sant'Antnin .
6.30 p.m. Quddiesa mmexxija minn P.Charles Baldacchino OFM Conv, id-Direttur Spiritwali tal banda Sant' Antnin
*Il-Kant ser ikun mill-Kor tal-Knisja b'sehem tal-Banda ta' Sant' Antnin.*
7.30 p.m. Ħrug ta' l-Istatwa ta' Sant'Antnin

**It-Tlieta 26 ta' Mejju: Sant'Antnin Ħabib tat-Tfal**

6.00 p.m. Purċissjoni ferriħjia bl-istatwa ż-żgħira ta' Sant' Antnin mill-MUSEUM ta' Swatar..
6.30 p.m. Quddiesa għat-tfal mmexxija minn Fr.Stephen Mifsud MSSP. Fiha,it-tfal joffru l-fjuri lil Sant'Antnin u jitbierek il-ħobz. Imexxi l-kant il-grupp tal-kitarri.

**L-Erbgha 27 ta' Mejju: Sant'Antnin JUM il-Familja**

Jiem tat-TRIDU

6.00 p.m. Ruzarju u Kurunella
6.30 p.m. Quddiesa minn W.R.P. Michael Camillieri O.P. Kappillan ta' G'Mangia

**Il-Hamis 28 ta' Mejju: Jum il-Morda**

6.00 p.m. Adorazzjoni mill-istudenti Franġiskani Konventwali.
6.30 p.m Quddiesa mmexxija minn W.R.P. Michael Camillieri O.P. Kappillan ta' G'Mangia Il-Kant ikun imexxi mill-grupp Nisa ta' Santa Klara.

*N.B. Fiha jigi amministrat is-Sagrament tal-Morda u nħeġġu lill-Morda u lill-anzjani sabiex jattendu.*

**Il-Ġimgħa 29 ta' Mejju Sant'Antnin Ħabib ta' Kulħadd**

6.00 p.m. Ruzarju
6.30 p.m. Quddiesa għall-għaqdiet fi ħdan komunita' tagħna mexxija minn W.R.P. Michael Camillieri O.P. Kappillan ta' G'Mangia Imexxi l-kant il-grupp tal-Kitarri.

**Is-Sibt 30 ta' Mejju Lejlet il-Festa : Sant'Antnin Qaddis tal-Mirkali**

6.15 p.m. Transulazzjoni Solenni bir-relikwa tal-Qaddis.
6.30 p.m. Quddiesa bl-omelija mill-P.Michael Attard OFM Conv.

**Il-Ħadd 31 ta' Mejju Jum il-Festa**

6.30 a.m. Quddiesa mmexxija minn Fr.Joe Borg
8.00 a.m Quddiesa mmexxija minn Prepostu tal-Bazilka ta' Sant' Elena Dun Anton Cassar
9.30 a.m. Quddiesa mmexxija minn W.R.Kapp ta'San Guzepp Haddiem Fr.Michael Bugeja.
11.00 a.m. Quddiesa mmexxija minn P.Tonio Mifsud OFM Conv.
6.00 p.m. Quddiesa solenni mmexxija l-fejn jaghmel il-Hsieb W.R.P. Provincjal P.Samwel Chectuti OFM Conv.
7.30 p.m. Purcissjoni bl-Istatwa ta' Sant' Antnin mmexxija W.R.P. Provincjal P.Samwel Chectuti OFM Conv.
10.00 p.m Mad-Dħul tal-istatwa. Titkanta l-antifona u nigu fit-tmiem dawn ic-celebrazzjonijiet bil-Barka Sagramentali.

***F'isem il-Komunita' Franġiskana u l-kumitat tal-Festa ta' Sant'Antnin nixtiequ minn qalbna l-Festa tajba lil kulħadd.***

# PROGRAMM FESTA SANTA RITA 2009

**Il-Ħamis 21 ta' Mejju 2009 – Il-Ħmistax-il Ħamis ta' Santa Rita**

*Fil-Knisja Santu Rokku*

10am Quddiesa ċċelebrata mir-Rev.mu Prepostu Kan. Anton Cassar, Ar'ipriet tal-Parroċċa Santa Elena u Rettur tal-Knisja Santu Rokku, Birkirkara.

4.45pm – 6pm – 7pm - Quddies

6pm Quddiesa ċċelebrata mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex.

7.30pm Purċissjoni/Pellegrinaġġ bl-istawa devota u Translazzjoni tar-relikwa ta' Santa Rita mmexxi mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Ghawdex. Il-purċissjoni tgħaddi minn Triq Santu Rokku, Sqaq Karla, Triq Santa Rita, Triq Robert Farrugia Randon, Triq l-Imsida, Triq il-Kbira, Pjazza Santa Elena u l-Bażilika Santa Elena. Tieħu sehem il-Fratellanza Santu Rokku taż-Żurrieq.

*Fil-Bażilika Santa Elena*

8.15pm Te Deum u Ċelebrazzjoni Ewkaristika mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex. Wara jsir it-tberik tat-tfal mill-E.T. Mons. Mario Grech

9.00pm Tluq ghal Buffet tal-Festa fid-diplomat Hotel, Sliema. Il-Biljetti jinkisbu mill-Knisja ta' Santu Rokku..

**Il-Ġimgħa 22 ta' Mejju 2009 – Jum Liturġiku tal-Festa ta' Santa Rita.**

***ikompli f'paġna 7...***

*...ikompli minn paġna 6*

## <u>*Fil-Bażilika Santa Elena*</u>

6am, 7am, 7.45am, 9am, 11.30am - Quddies

12pm Supplika lil Santa Rita u Ċelebrazzjoni Ewkaristika

6.30pm Quddiesa Pontifikali mill-E.T. Mons, Nikol Cauchi, Isqof Emeritus ta' Għawdex, flimkien mal-Kapitlu Elenjani u s-saċerdoti li jqaddsu fil-Knisja ta' Santu Rokku.

7.30pm Pellegrinaġġ bl-istatwa devota u Repożizzjoni tar-relikwa ta' Santa Rita mmexxi mill-E.T. Mons, Nikol Cauchi, Isqof Emeritus ta' Għawdex . Fil-pellegrinaġġ jieħdu sehem it-tfal li jkunu rċevew l-Ewwel Tqarbina. Quddiem il-Knisja ta' Santu Rokku mal-wasla tal-pellegrinaġġ jitbierku l-fjuri u tingħata t-Trina Benedizzjoni mill-E.T. Mons. Nikol Cauchi.

- Kullħadd għandu jġib fjura miegħu biex titbierek waqt din il-funzjoni.
- Dakinhar fil-Bażilika ta' Santa Elena ikun hem mil-Qrar mill-5.30am sa' 12pm u mill-4.30pm sas-6.30pm.

---

***Is-Sibt 16 ta' Mejju fis-7.15pm***
***Party tal-Festa ta' St. Rita fiċ-Ċentru b'riżq il-Ħidma Pastorali Parrokkjali -***
***Biljetti €4 mill-Knisja ta' S.Rokku .***

# *Mill-ħajja tal-Parroċċa*

## Marzu

**Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ:**
Andre Aquilina - Nadesh Maureen Farrugia; Clint Galea - Lorraine Ciappara.

**Issieħbu fil-Knisja permezz tal-Magħmudija:**
Larson Farrugia; Aeneas Farrugia; Natalia Attard Borg; Jayden Camilleri; Mariah Micallef; Trisabel Dalli; Ilona Marie Borg; Denzielord Albert Spiteri.

**Ingħaqdu mal-Mulej fil-Mistrieħ ta' Dejjem:**
Joseph Attard; Mary Carbonaro; Grazio Demicoli; Charles Sammut; Maria Xuereb; Tessie Mifsud; Joseph Zammit; Maria Theresa Bonnici; Paola Chetcuti; M.Victoria Micallef.

## Suffraġji

* Il-familji Mamo, Borg u Debono joffru €5 b'suffraġju tal-għażiż tagħhom George Mamo li jagħlaq 17-il sena mejjet fis-27 ta' Mejju.
* Ġuża Muscat u wliedha joffru €5 b'suffraġju tal-għażiż tagħhom Emmanuel Muscat li jagħlaq 17-il sena mejjet fil-5 ta' Mejju.
* Il-familji Mamo, Borg u Debono joffru €5 b'suffraġju tal-għażiż tagħhom Sir Anthony Mamo li jagħlaq sena mejjet fl-1 ta' Mejju.
* Il-familja Debono joffru €10 b'suffraġju tal-għażiża ommhom Victoria Debono fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm.
*Maria Parnis u wliedha joffru €12 b'suffraġju tal-għażiż tagħhom Carmelo Parnis li jagħlaq 19-il sena mejjet fl-4 ta' Mejju.
* Helen Gatt toffri €5 b'suffraġju tal-għeżież ommha u missierha Ġużeppa u Salvu Sammut.
* Marija Mifsud toffri €5 b'suffraġju tal-għażiża ommha Angela Pisani u ta' Josephine Mifsud; Marianna Pisani u n-nanniet fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm.
* N.N.toffri €5 b'suffraġju ta' Kelinu Ellul ( il-ħajjat).
* Il-Familji Carbonaro u Zammit joffru €50 b'suffraġju tal-għeżież ġenituri tagħhom Paul u Mary Carbonaro.

## Ħbieb

Aħwa Zammit; Emmanuela Saliba; Doris Terribile; Tessie Xuereb; Antonia Grech; Nazzarena Pisani; Carmen Lofaro; Familja Sciberras.
€3.00 minn Bwieraq St. permezz ta' Helen Demicoli.
€1.26 permezz ta' Carolina Debono.


LAURENS WATCHES

**G.B. JEWELLERY**
GEORGE BUSUTTIL
451, Fleur-de-lys Road, B'Kara - Tel: 21 499 679

LORENZ WATCHES